

# IL-QADDIS LI RIED JINTESA

San Gejtanu hu kbir ħafna għax tul is-67 sena ta' ħajtu m'għamel xejn ħlief ċekken lilu nnifsu. Qatt ma ftaħar, qatt ma tkabbar, qeda b'umiltà, ħadem b'karità, ħabb bla qies, u xxejjen hu biex jidher biss Ġesù. Fittex li jitqaddes għall-glorja ta' Alla, u rnexxielu. Ried li jintesa, u ma rnexxielux.

Il-poplu żammu ħaj u ried jarah u jiftakar fih. Għalhekk nibtet l-ikonografija tiegħu, li ġiet dominata minn dak li seħħ fil-Milied tal-1517. Iżda fl-ikonografija ta' San Gejtanu naraw waqtiet oħra importanti f'ħajtu, bħal: il-preżentazzjoni tiegħu tarbija lil Marija; il-martirju waqt is-sakkeġġ f'Ruma; it-twaqqif tal-Ordni Teatin; l-imħabba u l-għaqda li kellu mas-salib; il-qima bla tarf lejn Kristu Rxoxt; qalbu titqaddes mill-Qalb ta' Ġesù; l-imħabba tal-għaġeb li kellu lejn Marija; l-atti ta' karità; ħidma fl-isptarijiet; it-tama fil-providenza... u aktar. Mhumiex fi kwantità kbira daqs ix-xena tal-Milied, iżda saru u jfakkru. Biss wara kollox ix-xena tal-Milied tixhed forsi l-akbar ħaġa... Ġesù, tletin sena qabel ma' Gejtanu ngħaqad miegħu fis-sema, għażel li bħala tarbija jistrieħ fl-idejn imfewħa tiegħu, għax kien jaf li dawk l-idejn kienu mogħtija biss għalih u għall-glorja tiegħu.

Isem Gejtanu ma jidhirx biss fil-pitturi. Tajjeb jingħad li mxerrdin f'għadd ta' pajjiżi madwar id-dinja, nsibu monumenti ddedikati lilu, postijiet imsemmija warajh, parroċċi li tqiegħdu taħt il-ħarsien tiegħu, u aktar modi kif il-poplu jiftakar fih u jonorah. Li ġejjin huma ftit eżempji meħuda minn madwar id-dinja biex juru kemm dan hu minnu.

**Eżempji mill-Amerika ta' Fuq:**



*Stati Uniti - Stat ta' Arizona: Muntanji San Gejtanu bl-ogħla parti tagħhom tilħaq l-1831 metru u msejħa Quċċata San Gejtanu.*



*Kanada - Quebec: Fil-kontea ta' Bellechasse insibu l-Knisja ta' San Gejtanu mibnija fl-1932.*

**Eżempju mill-Amerika ta' Isfel:**
Brażil - Stat ta' Sao Paulo: Belt imsemmija għal San Gejtanu li taf il-bidu tagħha fl-1631. L-ewwel kappella ddedikata lill-Qaddis f'din il-belt tmur lura għas-sena 1717.



**Eżempju mill-Ewropa:**
Repubblika Ċeka: Fil-qalba tal-kapitali Praga fuq Charles Bridge, insibu monument kbir artistiku ta' San Gejtanu waqt li fil-belt ta' Brno niltaqgħu ma' monument ieħor tal-qaddis li jidher jgħin lil Kristu jġorr is-Salib.



**Eżempju mill-Asja:**
Indja - Goa: Knisja mill-isbaħ li tmur lura lejn l-aħħar snin tas-seklu sbatax.

**Eżempju mill-Awstralja:**
Devozzjoni lejn il-Qaddis tinsab f'numru ta' bliet, fejn anke tiġi ċċelebrata l-festa tiegħu. Mertu għall-wasla tal-kult f'dan il-kontinent, jeħduh il-bosta emigranti Maltin li xettluh. Maż-żmien saqqewh magħhom kattoliċi oħra.

**Eżempju mill-Afrika:**
Mozambique - Sofala / Beira: Fl-istorja naraw li l-ewwel fortizza mibnija ġewwa l-Mozambique kien fis-seklu sbatax u din issemmiet 'San Gejtanu'. Meta ż-żmien biddel ir-rotot kummerċjali l-fortizza tilfet l-importanza u spiċċat fix-xejn. Baqgħet tgħix fl-użu tal-ġebel tagħha biex inbena l-katidral ta' Beira, iżda llum mill-fortizza ma baqa' xejn ħlief dak misjub fil-kotba tal-istorja.

UNION BAR
fi Triq il-Kbira, il-Ħamrun
Għal Drink Ġenwin